**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Jannar 2024**

Rikors Numru: 613/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 639/2020)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-Sibt, hdax t'April tas-sena elfejn u għoxrin [11.04.2020] fir- Reġistru Pubbliku ta' Malta, il-Belt Valletta, liema żwieġ kien ġie rreġistrat fl-istess registru bin-numru progressiv sitta-tlieta-disgha tas-sena elfejn u ghoxrin (639/2020), kif jirriżulta minn vera kopja tal-Att taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux ulied;

3. Illi l-hajja konjugali tal-partijiet ma baqghetx iktar possibli ghal raġunijiet validi li skont il-liġi Civili taw lok ghal separazzjoni personali, u l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana nhar l-għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (20/09/2023), kopja tal-Att qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok B';

4. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli għar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi skont il-kuntratt hawn fuq ċitat il-partijiet ma għandhom ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin;

6. Illi lanqas hemm l-ebda kwistjonijiet ohra jew kawzi pendenti bejn il-partijiet;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imholli ghal daqshekk Qorti javża lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taż-żwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta’Novembru, 2023;

Rat illi  l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta;

Semgħet lir-rikorrenti tixhed bil-ġurament tagħha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Settembru 2023 u *de* facto separati għal madwar sentejn.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.